MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Numru 1297/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**JOSEPH SCERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Scerri ta’ 39 sena, bin Joseph u Mary nee Azzopardi, mwieled gewwa Attard nhar l-24 ta’ Frar 1968, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 169168M u residenti gewwa 102, Triq San Luqa, Bugibba;

Billi gie akkuzat talli:

Bejn il-15 ta’ Frar 2007 u is-17 ta’ Frar 2007, gewwa Triq Bordino, San Pawl il-Bahar, ghamel serq minn gewwa ir-residenza numru 23 u 25 ghad dannu ta’ Mario Borg, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li jaqbez l-elf lira Matlin (LM1000);

U aktar talli sar ricediv b’sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 49, 50, 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Scerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda il-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat Joseph Scerri ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Joseph Scerri ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna li, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------